# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 4 ta' Frar 2025**

**Nru: 1**

**Rikors Nru. 1132/2022**

## Claudio Mangion

**v**

## Charlene Friggieri u Glenn Gerald Urry

**Daħla**

1. Fk-14 ta' Marzu 2019, ir-rikorrent Claudio Mangion iffirma żewġ skritturi privati mal-konvenuti Charlene Friggieri u Glenn Gerald Urry. Fl-ewwel skrittura,[1] il-konvenuti ddikjaraw ruħhom bħala veri, ċerti u likwidi debituri favur tar-rikorrent fl-ammont ta' €17,500 rappreżentanti:

> "l-prezz ta' oġġetti lilhom minjugħa u konsenjati, "inter alia": grill, fryer, toaster, TV Samsung 32", CCTV camera, cutter, microwave, electric kettle, dough mixer, gas cylinder, telephone, mobile phone nokia, cash register, 12 toppings shaver, 8 dough trays, 2 stainless steel shelves, small freezer, xkaffar ieħor ta' l-istainless steel, mejda ta' l-istainless steel u big fan, "tale quale".

2. Il-konvenuti obbligaw ruħhom *in solidum* biex iħallsu s-somma ta' €17,500 f'pagamenti ta' €500 kull xahar, bl-ewwel pagament fis-16 ta' Ġunju 2019, bla imgħax. Dan bil-patt u l-kondizzjoni li jekk jonqsu minn żewġ pagamenti u tgħaddi ġimgħa min-notifika tagħhom

[1] Ara l-ewwel skrittura privata tal-14 ta' Marzu 2019 bejn ir-rikorrent u l-konvenuti f'paġna 5.

u jibqgħu morużi fil-ħlas, huma jitilfu l-benefiċċju taż-żmien u kwalunkwe bilanċ jiġi dovut fl-intier tiegħu.

3. Fl-iskrittura privata l-oħra,[2] il-konvenuti ddikjaraw ruħhom bħala veri, ċerti u likwidi debituri a favur tar-rikorrent għall-ammont ta' €17,500, liem ammont jirrappreżenta l-prezz tal-oġġetti segwenti:

> "2 fridges upright, display, stainless steel counter, freezer, salamander grill, pizza oven u van tax-xogħol Kia Pride targat DAM-083, "tale quale"."

4. Fit-tieni skrittura, il-konvenuti obbligaw ruħhom li jħallsu s-somma ta' €17,500 sal-15 ta' Mejju 2019, bla imgħax.

5. Il-konvenuta Charlene Friggieri tallega li l-iskritturi privati ġew simulati u li fil-verità s-somma ta' €35,000 tirrappreżenta rigal tal-avvjament u/jew tal-goodwill tal-ħanut '*Emina Snack and Takeaway*' li hija ssullokat minn Claudio Mangion bl-għajnuna ta' Glenn Gerald Urry. Charlene Friggieri tallega wkoll li Claudio Mangion qarraq biha rigward il-valur u l-profitti tan-negozju tiegħu, u li dan ivvizja l-kunsens tagħha fuq il-bejgħ simulat. Għal din ir-raġuni, hija fetħet il-kawża b'numru 201/21 HM, quddiem din il-qorti għar-rexissjoni ta' dawn l-iskritturi privati, liema kawża għadha pendenti.[3]

6. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrent Claudio Mangion jinsisti li l-iskritturi privati huma validi; in fatti, huwa qiegħed jistrieħ fuqhom sabiex ifittex il-ħlas ta' €17,500 rappreżentanti nofs is-somma totali ta' €35,000 li għadha ma tħallsitx mill-konvenuti.

7. Din is-somma baqgħet ma tħallsitx anke wara li huwa interpella lill-konvenuti bl-ittri uffiċjali tat-24 ta' Ġunju 2019 (b'numru 1109/19),[4] u tat-23 ta' Lulju 2019 (b'numru 1363/19).[5] Għalhekk fl-24 ta' Jannar 2020 huwa ppreżenta r-rikors ġuramentat b'numru 77/2020, b'talba sabiex din il-qorti (diversament ippreseduta) tordna l-konvenuti jħallsuh

---

[2] Ara t-tieni skrittura privata tal-14 ta' Marzu 2019 bejn ir-rikorrent u l-konvenuti f'paġna 6.
[3] Ara kopja tar-rikors maħluf ta' Charlene Friggieri tal-5 ta' Marzu 2021, fil-kawża b'numru 201/21, f'paġni 46-50.
[4] Ara l-ittra uffiċjali b'numru 1109/19 tal-24 ta' Ġunju 2019, f'paġna 8.
[5] Ara l-ittra uffiċjali b'numru 1363/19 tal-23 ta' Lulju 2019, f'paġna 7.

is-somma rimanenti, u dana bl-użu tal-proċedura stipulata fl-artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12 għad-dispensa tas-smiegħ.

8. Il-mertu ta' din il-kawża qatt ma ġie deċiż mill-qorti, għaliex il-kawża tħassret minn fuq il-lista fit-3 ta' Ġunju 2022.[6] Dan kien wara li r-rikorrent (u l-konsulenti legali tiegħu) naqsu milli jidhru għas-seduta intiża għall-kontro-eżami tiegħu – liem seduta kienet diġà ġiet posposta minħabba li r-rikorrent kien ma jiflaħx.

9. Meħud kont tal-fatt li l-kawża kienet diġà tħassret minn fuq il-lista darb'oħra,[7] fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2022, il-qorti ħelset lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju, u ordnat li l-kawża "titneħħa minn fuq il-lista tal-kawżi attivi mingħajr ebda fakultà li terġa' tiġi appuntata mill-ġdid," bi spejjeż kontra r-rikorrent.

10. Peress li ma setax jerġa' jitlob li l-kawża tiġi riappuntata, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża minflok. Fir-rikors ġuramentat tiegħu datat id-29 ta' Novembru 2022, ir-rikorrent għamel essenzjalment l-istess talbiet li kien għamel fil-kawża b'numru 77/2020, bid-differenza li fil-kawża b'numru 77/2020 huwa kien talab ukoll li l-qorti tipproċedi bid-dispensa ta' smiegħ skont l-artikolu 167 tal-Kap. 12.[8]

11. Il-konvenuti jeċċepixxu, *inter alia,* li r-rikorrent ma setax jerġa' jiftaħ kawża bl-istess talbiet, meta l-kawża b'numru 77/2020 tħassret minn fuq il-lista darbtejn u meta ġie espressament iddikjarat fit-3 ta' Ġunju 2022 li r-rikorrent ma kellux il-fakoltà li jerġa' jitlob li l-kawża tiġi appuntata mill-ġdid.[9] Apparti minn hekk, il-konvenuti jeċċepixxu li skont l-artikolu 907(2) tal-Kap. 12, ir-rikorrent ma setax jiftaħ kawża ġdida fuq l-istess ħaġa, peress li għadu ma ħallashomx għad-drittijiet u spejjeż tal-kawża b'numru 77/2020[10] – u

[6] Ara l-verbal tal-qorti fil-kawża b'numru 77/2020 fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2022, f'paġni 43-45.
[7] Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-qorti kienet diġà ħelset lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju bit-tħaddim tal-artikolu 199(2) tal-Kap. 12. Iżda fil-5 ta' Lulju 2021, il-qorti reġgħet appuntat il-kawża għas-smiegħ u dana wara li laqgħet it-talba ta' Claudio Mangion tat-2 ta' Lulju 2021.
[8] Ara r-rikors ġuramentat ta' Claudio Mangion, f'paġni 1-4.
[9] Ara r-risposta ġuramentata ta' Glenn Gerald Urry, f'paġni 39-42. Ara r-risposta maħlufa ta' Charlene Friggieri, f'paġni 56-58.
[10] Ara t-taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż tal-kawża ġuramentata b'numru 77/2020, f'paġna 63.

dana minkejja li ġie interpellat biex jagħmel dan fl-ittra uffiċjali b'numru 4389/2023 tas-17 ta' Ottubru 2023.[11]

12. Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2024, il-kawża tħalliet għal deċiżjoni fuq din l-eċċezzjoni.[12]

**Analiżi tal-qorti**

13. Il-konvenuti jgħidu li l-azzjoni ma tiswiex u hija irrita għaliex ir-rikorrent naqas milli jħallashom l-ispejjeż tal-kawża b'numru 77/2020, li kif diġà ngħad, ġiet imħassra minn fuq il-lista fit-3 ta' Ġunju 2022 (mingħajr il-fakultà li terġa' tiġi riappuntata), bi spejjeż għar-rikorrent.[13]

14. Issa skont l-artikolu 907(2) tal-Kap. 12 iċċitat mill-konvenuti, il-parti li tirrinunzja għall-atti li tkun ressqet fil-qorti ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa qabel ma tkun ħallset l-ispejjeż tal-kawża ċeduta lill-parti l-oħra. Fl-ewwel sub-inċiż tal-istess artikolu, jingħad li r-rinunzja ġġib l-istess effetti tad-deżerzjoni. Għalhekk, l-obbligu taħt it-tieni sub-inċiż ġie applikat ukoll għall-attur ta' kawża deżerta li jixtieq jressaq l-azzjoni f'kawża ġdida. Infatti fis-sentenza ta' din il-qorti (diversament presjeduta) tat-2 ta' Lulju 2009,[14] intqal hekk:-

> "l-effetti tad-dispożizzjoni tal-liġi huma ta' xejra perentorja tal-ġudizzju tali li, jekk kemm-il darba jintwera li l-ispejjeż tal-kawża ta' qabel li tkun marret deżerta ma jkunux għadhom tħallsu qabel ma tkun infetħet il-kawża l-ġdida, dak in-nuqqas iħalli effett li jolqot fl-essenza tagħha t-tieni azzjoni bil-konsegwenza li l-parti mħarrka t-tieni darba tinħeles milli tibqa' iżjed fil-kawża."

15. Il-kwistjoni hija jekk dan jgħoddx ukoll għall-kawża li titħassar minn fuq il-lista skont l-artikolu 199 tal-Kap. 12. Fi kliem ieħor il-kwistjoni hi jekk l-attur f'kawża li tkun ġiet imħassra minn fuq il-lista, huwiex meħtieġ li jħallas l-ispejjeż ġudizzjarji lill-parti l-oħra qabel ma jerġa' jiftaħ kawża oħra fuq l-istess ħaġa.

16. Il-qrati wessgħu t-tifsira ta' 'kawża deżerta' biex tkopri ukoll kawżi li tħassru minn fuq il-lista skont l-artikolu 199 tal-Kap. 12, meta ġew biex jinterpretaw l-artikolu 963(6) tal-Kap.

[11] Ara l-ittra uffiċjali b'numru 4389/2023 li bagħtet il-konvenuta Charlene Friggieri lir-rikorrent fis-17 ta' Ottubru 2023 rigward il-ħlas tad-drittijiet u spejjeż tal-kawża ġuramentata b'numru 77/2020, f'paġna 66-69.
[12] Ara l-verbal tal-qorti tal-5 ta' Novembru 2024, f'paġna 70.
[13] Ara l-affidavit ta' Glenn Gerald Urry, f'paġna 62.
[14] 1039/2006, *Nadia Zammit noe et vs Edward Anastasi et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 2 ta' Lulju 2009.

12. Dan jgħid li "bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni."

17. B'konsegwenza ta' dan, il-qrati ħaddnu l-fehma li – bħall-kawżi deżerti – kawżi kanċellati minn fuq il-lista jistgħu jerġgħu jitressqu, peress li ma jkunx intilef il-jedd tal-azzjoni. Fost dawn is-sentenzi nsibu s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' April 2021, fejn intqal:-[15]

> "għall-kompletezza jingħad li il-fatt li proċeduri pendenti, wkoll ta' natura kostituzzjonali, ġew kanċellati minn din il-Qorti fit-23 ta' Mejju 2001, u ma saretx talba għar-riappuntament tagħhom fit-terminu tal-artikolu 199(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jfissirx li l-istess rikorrenti ma jistgħux iressqu proċeduri ex novo. L-effetti ta' kawża kanċellata mhux riappuntata huwa l-istess bħal meta kawża titqies deżerta skont l-artikolu 965 tal-Kap. 12, u a tenur tal-artikolu 963(6) ta' l-istess Kap. 12 [Omissis]
> Huwa biss il-ġudikant [korrezzjoni: ġudikat], li żżomm it-trattazzjoni ta' kawża determinata f'ġudizzju separat iżda d-deżerzjoni, salv ir-responsabbiltà għall-ispejjeż, ma żżommx lill-istess parti li fetħet l-ewwel kawża li tiftaħ proċeduri ġodda fuq l-istess mertu."

18. Meħud kont ta' dan, il-qorti hija tal-fehma li kawża mħassra minn fuq il-lista għandha tiġi kkonsidrata bħala kawża deżerta għall-finijiet tal-artikolu 907(2) tal-Kap. 12 ukoll. B'hekk, ġaladarba li l-obbligu tal-ħlas tal-ispejjeż ġie applikat għall-kawżi deżerti, dan għandu japplika ugwalment għall-kawżi li ġew imħassra minn fuq il-lista.

19. Ħarsa lejn il-konvenut tal-artikolu 199(3) tal-Kap. 12 ikompli jikkonferma dan. Dan l-artikolu jippermetti lill-attur ta' kawża kkanċellata biex iressaq rikors biex jitlob li kawża mħassra terġa' tinġieb fuq il-lista, bil-patt u l-kondizzjoni li qabel il-jum stabbilit għas-smiegħ tal-kawża, dan iħallas jew jiddepożita fir-reġistru tal-qorti l-ispejjeż kollha stabbiliti fit-tariffa u li joħroġu mill-"fatt li l-attur naqas li jidher, jew li l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu naqas li jidhru, skont il-każ."

20. M'hemm l-ebda raġuni għalfejn dan m'għandux japplika wkoll għal meta l-attur ta' kawża kkanċellata jerġa' jressaq l-azzjoni f'kawża ġdida minflok ma jitlob li l-kawża terġa' tinġieb fuq il-lista – li, kif spjegat diġà, għandu l-fakultà li jagħmel skont l-interpretazzjoni

[15] 10/15/RGM, *Franco Buttigieg pro et noe et vs Avukat Ġenerali (illum Avukat tal-Istat)*, deċiża 28 ta' April 2021; 2/2003, *Anthony Mintoff vs Avukat Ġenerali et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali), deċiża 7 ta' Lulju 2004; *Kontrollur tad-Dwana vs Carmel vs Charles Ellul Sullivan et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 10 ta' April 2014.

mogħtija lill-artikolu 963(6) tal-Kap. 12. Infatti, jekk dan ma jkunx il-każ, l-attur ta' kawża deżerta jkun jista' jevadi l-obbligu tal-ħlas tal-ispejjeż taħt l-artikolu 199(3), billi jiftaħ kawża ġdida minflok jitlob li terġa' tiġi appuntata.

21. B'hekk il-qorti tqis li l-obbligu taħt l-artikolu 907(2) għandu japplika wkoll għas-sitwazzjoni preżenti u cioè fejn l-attur ta' kawża kkanċellata jiftaħ kawża ġdida għall-istess ħaġa.[16] Kif spjegat hawn fuq, dan għaliex:- (a) l-obbligu taħt l-artikolu 907(2) tal-Kap. 12, li jirreferi unikament għall-kawżi ċeduti, ġie applikat għall-kawżi deżerti wkoll, peress li fl-ewwel sub-inċiż jingħad li d-deżerzjoni ta' kawża għandha l-istess effetti ta' rinunzja; (b) il-qrati ħaddnu l-fehma li l-effetti ta' kawżi mħassra minn fuq il-lista skont l-artikolu 199 huma l-istess bħal dawk ta' kawżi deżerti għall-finijiet tal-artikolu 963(6) tal-Kap. 12; u(ċ) l-artikolu 199(3) tal-Kap. 12 jimponi l-obbligu tal-ħlas tal-ispejjeż riżultanti min-nuqqas ta' dehra biex l-attur ikun jista' jerġa' jġib kawża mħassra fuq il-lista.

**Parti deċiżiva**

Għar-raġunijiet hawn fuq spjegati, il-qorti qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti, u konsegwentement teħles lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

---

[16] Infatti, din kienet il-fehma tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-27 ta' April 1953,[16] fejn intqal li: "ir-riappuntament ta' kawża deżerta fil-Qorti ta' l-Appell minħabba nuqqas ta' dehra ta' l-appellant jew tad-difensur tiegħu tippresupponi bħala kondizzjoni "sine qua non" il-ħlas ta' l-ispejjeż li jkunu saru minħabba dan in-nuqqas ta' dehra tagħhom."